DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2010**

StudentBounty.com

Ro

| IT-TIELET SENA | MALTI | ĦIN: SAGĦTEJN |
|---|---|---|

**Isem:** ___________________________ **Klassi:** _______________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 8 | 8 | 30 | 20 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

***Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.***

## *Żjara f'San Miguel f'Paraiba*



Minn Maccio, fejn konna nalloġġjaw, kien vjaġġ pjuttost twil. Għaddejna minn ġewwa meded kbar ta' kampanja fejn il-wiċċ dominanti huwa l-kannamieli, is-sors ewlieni ta' dħul ta' flus ... iżda fl-istess waqt, ir-raġuni għaliex il-bdiewa ta' din ix-xaqliba tal-Brażil iħossuhom ittrattati bħala ftit aħjar minn skjavi. *(par.1)*

Id-destinazzjoni tagħna kienet ir-raħal ta' San Miguel u l-għan taż-żjara tagħna kien biex niltaqgħu ma' saċerdot missjunarju li sa mis-sena 1967 ħadem fost dawn il-komunitajiet biex iwasslilhom lil Alla u jgħinhom ukoll fil-bżonnijiet soċjali tagħhom. Bħal bosta rħula agrikoli oħra tal-pajjiż, San Miguel għandu l-parti ċentrali, iddominata mill-pjazza bil-knisja parrokkjali. It-toroq tal-madwar huma mimlija b'residenzi, ħwienet u stabbilimenti kummerċjali. Imbagħad, 'il barra minn dan iċ-ċentru mibni, stajna ninnutaw għadd ta' rziezet imxerrda 'l hawn u 'l hemm f'għelieqi u fi proprjetà mdaqqsa. *(par.2)*

L-ewwel daqqa t'għajn ma tantx tindika li f'din il-lokalità jgħixu kważi sebat elef ruħ. Iżda ħafna mill-abitanti ta' dan ir-raħal, li huma bdiewa, jgħixu proprju f'dawn l-irziezet. Hi żona agrikola mill-aqwa u d-dehriet tal-kampanja kollha siġar u għelieqi mimlija b'uċuħ differenti tar-raba', tassew jgħaxxqu l-għajn. Fl-opinjoni mgħaġġla tagħna, il-missjoni hawnhekk ma setgħetx tiċċentra fuq il-faqar materjali tal-komunitajiet għaliex l-istat ta' Paraiba, bid-diversi xmajjar li jaqsmuh u li jwasslu abbundanza ta' ilmijiet, hu reġjun sinjur f'dik li hi biedja. Imma wara li tkellimna mal-missjunarju, sirna nafu li l-problemi l-kbar huma marbuta mat-tqassim inġust tal-art li fil-parti l-kbira tagħha hi proprjetà ta' sidien sinjuri li anqas biss jgħixu f'dawn l-inħawi. *(par.3)*

Kien hemm żmien meta l-uċuħ tar-raba' kienu varji u l-bdiewa kienu jkabbru kulma kien ikun hemm bżonn. Imbagħad, ħin bla waqt, waslet il-kultura tal-kannamieli. Is-sidien dehrilhom li jkun jaqblilhom aktar jekk jikkultivaw il-kannamieli flok jipproduċu wċuħ diversi. Il-kannamieli ma jitkabbarx biss għall-produzzjoni taz-zokkor iżda wkoll sabiex minnu jsir l-*ethanol*, sostitut għall-petrol imma li ma jniġġisx l-ambjent. Minħabba din il-bidla fil-ħidma tal-għelieqi, ħafna mill-ħaddiema u l-bdiewa żgħar spiċċaw bla xogħol u saħansitra tkeċċew mid-djar umli li fihom kienu jgħixu mal-familji tagħhom. *(par.4)*

*(Addattament minn kitba ta' Alvin Scicluna)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

| **A. FEHIM IT-TEST** | (10 marki) |
|---|---|

1. F'liema pajjiż seħħet din il-ġrajja li naqraw dwarha fis-silta?

_______________________________________________ (marka)

2. X'kienu sejrin jagħmlu l-awtur u sħabu fir-raħal ta' San Miguel?

_______________________________________________ (marka)

3. Kompli d-deskrizzjoni tar-raħal ta' San Miguel.

Ir-raħal ta' San Miguel għandu pjazza ċentrali fejn hemm _______________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

4. Fejn kienu jgħixu l-maġġoranza tar-residenti ta' San Miguel?

_______________________________________________ (marka)

5. Għaliex l-awtur jgħidilna li l-istat ta' Paraiba hu wieħed sinjur fl-agrikoltura?

_______________________________________________

_______________________________________________ (marka)

6. Ma' xiex inhuma marbutin il-problemi tal-bdiewa ta' San Miguel?

_______________________________________________

_______________________________________________ (marka)

7. Semmi żewġ prodotti li ġejjin mill-kannamieli.

Dawn huma (a) ________________ u (b) ________________ (2 marki)

8. X'ġara f'San Miguel meta s-sidien iddeċidew li jibdew jikkultivaw il-kannamieli flok ħafna prodotti mħallta?

_______________________________________________

_______________________________________________ (marka)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

| B. GĦARFIEN IL-LINGWA | (20 ma[rki]) |
|---|---|

StudentBounty.com

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. Ikteb ċar in-numru tal-**forma tal-verb** wara l-verb b'sing taħtu.

   Il-ħalliel intbagħat (__) tliet snin ħabs talli kien seraq (___) sterjo u kisser (___) karozza.

   (3 marki)

2. Ikteb kliem flok in-numri fil-parentesi.

   Il-ġimgħa l-oħra daħlet dgħajsa b' ________________________(**24**) immigrant illegali li ____________________ (**17**) minnhom kienu rġiel. (2 marki)

3. Imla l-vojt bil-**partiċelli** t-tajba mil-lista mogħtija taħt. Kull partiċella tintuża darba biss.

   It-traffiku ____ pajjiżna żdied ħafna. Il-ħin kollu tisma' l-karozzi għaddejjin ____toroq tal-bliet u l-irħula ____ Malta. L-agħar huma t-trakkijiet u l-vetturi l-kbar li, barra li jagħmlu ħafna storbju meta jkunu għaddejjin, ħafna drabi jerħu _____ sħaba ta' duħħan iswed li jagħmel ħafna ħsara ____ saħħitna.

   | ***sa, bħal, lil, għal, mit-, ta', f'; bil-, ġo.*** |
   |---|

   (5 marki)

4. Sib u ikteb il-**partiċipju passiv** li hawn f'din is-sentenza.

   Ir-rumanz *Il-Ħaddied* ġie miktub minn Karlu Formosa u kien stampat fl-istamperija ta' Borg, f'Ħal Farfett.

   (a) __________________________; (b) ________________________ (2 marki)

5. Imla l-vojt bil-**partiċipju attiv** skont il-verb jew nom fil-parentesi. (Ara l-eżempju):

   Il-proġett fl-iskola ta' Ħal Tartarni ___________ (m-x-j) ġmielu u għalkemm iż-żmien ________________ (għ-d-j), il-perit inkarigat mill-proġett jaħseb li l-iskola se tkun lesta sa tmiem is-sajf. (2 marki)

**LESSIKU / VOKABULARJU**

6. Il-kelma ***nalloġġjaw*** (*par. 1*) tfisser (a) inkantaw __; (b) noqogħdu __; (ċ) nilagħbu __.

   (marka)

7. Sib mit-tielet paragrafu kelma li tfisser ***turi***. Il-kelma hi ________________________.

   (marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**ANALIŻI TESTWALI**

8. Il-kelma ***iħossuhom*** *(par.1)* qiegħda tirreferi:

   (a) għall-meded kbar tal-kampanja___ ; (b) għall-flus ___; (ċ) għall-bdiewa ___. (marka)

9. Flok il-kelma ***tiċċentra*** *(par.3)* nistgħu nużaw il-kelma :

   (a) tispara __ ; (b) tiffoka__ ; (ċ) tolqot __. (marka)

10. Minn paragrafu 4, sib kelma ta' nisel Ingliż.

    Il-kelma hi ________________________ (marka)

**SINTASSI**

11. Aqleb f'diskors indirett.

***"Hawnhekk f'San Miguel ma joqogħdux nies sinjuri," qal il-missjunarju lil Alvin.***

Il-missjunarju qal lil Alvin ______________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________ (marka)

**Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** (4 marki)



**Fisser il-kliem b'sing taħtu:**

1. Ċensu l-Ħatra <u>kelb għax-xogħol</u> u dejjem sejjer lejl u nhar fir-raba' tiegħu. Qatt m'int se tarah <u>b'idejh fil-but</u>!

   (a) ____________________________________

   (b) ____________________________________

   (2 marki)

2. Lil Melvin ix-xorti dejjem tidħaklu. Darba sab biljett tas-*superfive* fit-triq u bih rebaħ għoxrin elf ewro. Sewwa jgħidu, <u>agħtini xortija u itfagħni l-baħar</u>!

   Dan il-qawl ifisser li: ______________________________________________

   __________________________________________________________________

   (2 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV** (8 marki)

(a) Is-Soċjetà Filarmonika Bandisti Żgħażagħ ta' Ħal Berbuq se ttella' kunċert fis-sala tal-parroċċa tal-istess raħal nhar l-Erbgħa, 20 ta' Lulju, 2010. Matul din l-attività se jindaqqu xogħlijiet ta' kompożituri famużi, kemm Maltin kif ukoll barranin. Bħala segretarju / segretarja ta' din is-soċjetà, ikteb l-avviż li għandu jintbagħat lil kull min hu membru.

**JEW**

(b) Attendejt festin ta' għeluq snin wieħed/waħda minn sħabek u ħadt gost ħafna. Iddeskrivi dan l-avveniment lil xi ħadd ħabib tiegħek li dakinhar inzerta msiefer u għalhekk ma setax jattendi.

**E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI** (8 marki)



Agħżel aspett **<u>wieħed</u>** minn dawk li studjajt marbuta mal-proġett ***Idea ta' Lingwa*** u ikteb madwar **50 kelma** dwaru biex turi x'tgħallimt mit-tiftix li għamilt.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**F. LETTERATURA** (30 m

**(i) Nadriet 3**

1. F'liema żmien jiftakar il-poeta Dun Karm meta jikteb il-poeżija **Waħdi**?

______________________________ (marka)

2. Min kienet il-persuna għażiża ħafna li Dun Karm isemmi f'din il-poeżija?

______________________________ (marka)

3. Fejn tinsab il-qasba li jsemmi Mario Azzopardi fil-poeżija tiegħu **Qasba**?

______________________________ (marka)

4. Ma' xiex inhi mqabbla ż-żerriegħa li hemm fis-setaħ, fil-poeżija **Qasba** ?

______________________________ (marka)

5. X'tissejjaħ il-kitba letterarja **Pitirross** ta' Victor Fenech?

______________________________ (marka)

6. X'messaġġ irid iwassal dwar il-fidi tagħna l-poeta Victor Fenech f'**Pitirross**?

______________________________ (marka)

7. Fejn kien ibigħ il-gazzetti r-raġel li jissemma fil-poeżija **Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti** ta' Ġorġ Borġ? ______________________________ (marka)

8. X'tgħidilna dwar il-bejjiegħ tal-gazzetti u ommu l-metafora: "*Biha d-dinja ma taqax*"?

______________________________ (marka)

9. Ma' xiex iqabbel lilu nnifsu l-poeta Achille Mizzi fil-poeżija **Arizona**?

______________________________ (marka)

10. F'**Arizona** ta' Achille Mizzi nsibu l-vers: "*Xtieli muxagħra jriegħxu bit-tixwik*".

Din il-figura tad-diskors hi:(a) apokope __; (b) anafora __; (ċ) alliterazzjoni __ (marka)

**(ii) Aktar Nadriet Poetiċi** (3 marki)

F'madwar **20 kelma,** ikteb il-ħsieb ta' **waħda** minn dawn il-poeżiji li nsibu f'**Aktar Nadriet**:
*Fis-Skiet*; *Matul is-Snin tal-Ħajja*; *Iż-Żgħożija; Fjura tas-Sur; Ħabbata.*

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**(iii) Jinqabad bid-Drogi** (4 m

*Imla l-vojt:*

(a) Semmi ħaġa waħda li Ewkarja qiegħda tagħmel biex iġġib lil bintha Ċinzja lura d-dar: ____________________________________________.

(b) F'*Ngħix bl-Imħabba tal-Biċċiet*, Helen batiet ħafna għax iżżewġet ta' ____________________________________ u żewġha kien ____________ ħafna.

(ċ) Martin spiċċa bħal ħuh, Simon ir-Reggae, vittma __________________________.

**(iv) Stejjer taċ-Ċarrut** (5 marki)

Wieġeb (**a**) **jew** (**b**) u ikteb madwar 20 kelma.

(a) Għid fi kliemek x'nitgħallmu mill-ġrajja: ***Iż-żerriegħa li ma gergritx***.

**JEW**

(b) X'messaġġ twasslilna l-istorja ***L-Iskuter***?

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

**(v) Stejjer Għal Qabel Jidlam** (8 marki)

Agħżel **waħda** minn dawn l-istejjer u għid x'ġara f'madwar **40 kelma**: ***It-tifel tal-Baħar***; ***Ix-Xemx fuq it-Tieqa***; ***L-Ewwel Telefonata***. (Ikteb fuq karta separata.)

| **Ġ. KOMPONIMENT** | (20 marka) |
|---|---|

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **250 kelma** fuq karta separata.



1. Il-faqar fid-dinja
2. Kelb rieqed la tqajmux!
3. Xogħol li nixtieq nagħmel fis-sajf.
4. Djalogu bejn mara li taħdem u mara tad-dar.
5. Ikteb storja li tibda bil-kelmiet: "Fl-aħħar wasalna!"
6. Ix-xemx: tajba jew ħażina għal saħħitna?

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers